MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Numru 27/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Derin Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Derin Mangion ta’ 29 sena iben il-mejjet Joseph u Maria Dolores xebba Seychell imwieled Fgura fl-01 ta’ Gunju 1976 u residenti ‘Doris House’ Sqaq il-Grillu, Fgura jew 37 ‘St Michael’, Triq Guzeppi D’Arena, Ghaxaq u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 299876M gie akkuzat talli fl-10 ta’ Jannar

2005, gewwa Triq il-Belt Valletta, Paola u fil-vicinanzi ghal habta 6:30 ta' filghaxija:

(a) ingurja, hedded u ghamel offizi fuq il-persuni ta' WPS 24 Josephine Gauci, PC 1241 Christopher Farrugia u ufficjali ohra li huma inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) ukoll talli fl-istess lok, data u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta' xorta li titqiesx vjolenza pubbliku kontra WPS 24 Josephine Gauci, PC 1241 Christopher Farrugia u ufficjali ohra bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita` Kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) ukoll talli, fl-istess lok, data u hin bi vjolenza jew b'theddid gieghel lill-WPS 24 Josephine Gauci, PC 1241 Christopher Farrugia u ufficjali ohra, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 91 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) ukoll talli fl-istess lok, data u hin ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS 24 Josephine Gauci hekk kif iccertifikat mit-Tabib tal-Klinika tal-Furjana Dr Rosso MD u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) ukoll talli fl-istess lok, data u hin volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe nuccali tal-vista ghad-dannu ta' PC 1241 Christopher Farrugia liema valur jeccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) ukoll talli xjentement gieghel, hajjar jew ta' ghajnuna jew b'xi mod iehor ghen jew assista lil Joslyn u Cheyenne Mangion biex jaharbu jew biex ikunu jew jibqghu neqsin wara li dawn tqeghdu jew itiehdu taht il-harsien tal-

Ministru u dan bi ksur ta' l-Artikolu 12 (2) tal-Kapitlu 285 tal-Ligijiet ta' Malta;

(g) ukoll talli fl-istess lok, data u hin ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-Awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordant jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor jkun ghamel skond il-ligi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) ukoll talli fl-istess lok, data u hin volontarjament kiser il-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, flimkian mal-piena jew minflok il-piena applikabbli turbot lill-hati b'dawk l-obbligazzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' WPS 24 Josephine Gauci, PC 1241 Christopher Farrugia u ufficjali ohra u dan ai termini ta' l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok PJB 1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat fil-presenza ta’ WPS 24 Josephine Gauci u PC 1241 Christopher Farrugia iddikjara li jiskuza ruhu tal-akkadut u seduta stante skuza ruhu. Inoltre l-imputat iddikjara fil-presenza tal-avukat difensur tieghu li jobbliga ruhu li fi zmien 40 jum mil-lum ihallas lill-PC 1241Christopher Farrugia is-somma ta’ Lm64.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta ta’ llum PC 1241 Christopher Farrugia iddikjara li qed jaccetta din il-modalita` ta’ hlas.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95, 96, 221, 325(1)(b), 338(ee) u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikolu 12(2) tal-Kap 285 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Derin Mangion, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta’ l-imputat, l-fatt li fis-Seduta ta’ llum l-imputat fil-prezenza ta’ WPS 24 Josephine Gauci u PC 1241 Christopher Farrugia iddikjara li jiskuza ruhu tal-akkadut u seduta stante skuza ruhu u inoltre l-imputat iddikjara fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu li jobbliga ruhu li fi zmien 40 jum mil-lum ihallas lill-PC 1241 Christopher Farrugia is-somma ta’ Lm64 u ukoll li fl-istess Seduta ta’ llum PC 1241 Christopher Farrugia iddikjara li qed jaccetta din il-modalita` ta’ hlas u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Derin Mangion ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) –il xahar prigunerija u sittin Liri Maltin (Lm60) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum l-imputat Derin Mangion jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Derin Mangion b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li jzomm il-kwiet ma WPS 24 Josephine Gauci u PC 1241 Christopher

Farrugia u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Derin Mangion l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------